MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Mandat Numru. 1627/2014/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1627/2014/LSO fl-ismijiet:-**

**Michael Sciberras (ID Nru 369265M) u David Sciberras (ID Nru: 54072M) ezercjenti l-kummerc bl-isem Benny Sciberras Importer and Wholesaler.**

**vs**

**Ta' Natu Limited (C8167)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Michael Sciberras et noe prezentat fis-17 ta’ Ottubru 2014 fejn talab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta` intimata sabiex jikkawtela kreditu pretiz tieghu fl-ammont ta' €13,952.41 rapprezentanti bilanc fuq il prezz ta' merca ssupplita u debitament ikkonsenjata lis-socjeta` intimata fuq inkarigu tal-istess socjeta`.

Ir-rikorrent talab li l-intimat jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruz jew gratuwitu mill-proprejta` immobbiljari segwenti :-

a) It-*terraced house* jisimha 'Sant' Anna' u nnumerata ufficjalment erbgha (4), fi Triq l-Ghollieq gja triq gdida bla isem li tizbokka fi triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, libera u franka, bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha taghha, inkluza l-arja libera taghha.

b) Il-*garage* bla numru u bla isem pero' mhux indikat mhux ufficjalment bin-numru wiehed (1) fi Triq l-Essemblea Nazzjonali gja maghrufa bhala Triq Gdida bla isem fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, liema *garage* huwa sottopost ghal propjeta' ta' terzi, u jifforma parti minn blokk ta' zewg (2) *maisonettes*, sovrastanti u erba' (4) *garages*, liema blokk jikkonfina mill-Punent ma' Triq l-Assemblea Nazzjonali, min-Nofsinhar ma' triq l-Ghollieq u mit-Tramuntana ma' beni ta' Bernard Pisani u ohrajn jew l-

aventi kawza minnhom, fil-waqt illi l-garage jikkonfina mill-Punent ma' triq l-Assemblea Nazzjonali, pero' erronjament indikat fil-kuntratt tal-akkwist bhala imiss mil-Lvant mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni tal-kompratur u min-Nofsinhar ma' Triq l-Ghollieq, liberu u frank, bid-drittiiiet u il-pertinenzi tieghu kollha pero' eskluza l-arja tieghu.

Rat id-digriet tat-17 ta’ Ottubru 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri; appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta’ Novembru 2014, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b’erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Pauline Lanzon ghar-rikorrenti, u Dr. Noel Bianco ghas-socjeta' intimata. Dr. Bianco iddikjara illi s-socjeta' intimata giet notifikata fl-1 ta' Dicembru 2014. Dr. Bianco ipprezenta nota b'kopji ta' zewg cekkijiet ghas-somma komplessiva ta' €4,513.62. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ddegretat ir-rikors *seduta stante*.

## **II. DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi u wara li rat l-**Artikoli 873 u 874 tal-Kap 12**, jirrizultalha li jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, senjatament li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-jedd *prima facie* tieghu sabiex jikkawtela l-ammont pretiz, kif ukoll, ghalkemm mhuwiex strettament mehtieg ghall-fini tal-Art 874 tal-

Kap 12, li l-hrug tal-mandat hawn mitlub huwa mehtieg sabiex jikkawtela l-krediti tieghu u ghalhekk **tilqa’ t-talba kif dedotta** ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni u konsegwentement:

**Tordna** l-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata sabiex ma jbieghx, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruz jew gratuwitu mill-proprejta` immobbiljari deskritt fir-rikors u cioe`:

a) It-*terraced house* jisimha 'Sant' Anna' u nnumerata ufficjalment erbgha (4), fi Triq l-Ghollieq gja triq gdida bla isem li tizbokka fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, libera u franka, bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha taghha, inkluza l-arja libera taghha.

b) Il-*garage* bla numru u bla isem pero' mhux indikat mhux ufficjalment bin-numru wiehed (1) fi Triq l-Essemblea Nazzjonali gja maghrufa bhala Triq Gdida bla isem fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, liema *garage* huwa sottopost ghal propjeta' ta' terzi, u jifforma parti minn blokk ta' zewg (2), *maisonettes*, sovrastanti u erba' (4) *garages*, liema blokk jikkonfina mill-Punent ma' Triq l-Assemblea Nazzjonali, min-Nofsinhar ma' Triq l-Ghollieq u mit-Tramuntana ma' beni ta' Bernard Pisani u ohrajn jew l-aventi kawza minnhom,  fil-waqt illi l-garage jikkonfina mill-Punent ma' Triq l-Assemblea Nazzjonali, pero' erronjament indikat fil-kuntratt tal-akkwist bhala imiss mil-Lvant mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' beni tal-kompratur u min-Nofsinhar ma' Triq l-Ghollieq, liberu u frank, bid-drittiiiet u il-pertinenzi tieghu kollha pero' eskluza l-arja tieghu.

**Ghall-fini tal-Art 874(3)** tal-Kap 12, tinnomina a spejjez tar-rikorrent lin-Nutar Clyde La Rosa, jew b’sostituzzjoni n-Nutar Leanne Sammut, sabiex jaghmel ir-registrazzjoni indikat fl-istess sub artikolu.

L-ispejjez tal-Mandat jithallsu mis-socjeta' intimata.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------